MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2057/2004

**John u Danielle konjugi Cefai**

**Vs**

**Joseph Pace**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija w erbgha u tletin lira Maltin (Lm134) rapprezentanti arretrati ta' servizzi ta' dawl u ta' ilma li gew ikkonsumati mill-konvenut meta kellu mikri ghandu l-fond "Dennis", Triq il-Harifa, Qormi, proprjeta' ta' l-atturi.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba, ta' l-Ittra Bonarja datata 5 t'Ottubru, 2004 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Nadia Vella tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------